MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 467/2004

**Bernard Scicluna I.D. 500545(M)**

**Vs**

**Maria u Musbah Elwerfelly**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attur talab is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm120.30c) rapprezentanti danni u spejjez kif ahjar spjegati fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha ecceppew li l-ammont mhux dovut u anzi li l-attur ghandu jhallashom l-ammont ta' erbgha u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm34.15c) rapprezentanti l-bilanc ta' depozitu ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210).

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur kien kera fond lill-konvenuti.  Il-konvenuti kienu hallsu depozitu ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210).  Il-konvenuti jammettu li l-attur jista' juza dan id-depozitu biex ihallas id-dawl, l-ilma u t-telefon.

L-attur jghid li d-danni u l-ispejjez li hallew il-konvenuti jammontaw ghal tlett mija u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm330.30c) u ghalhekk l-ammont mitlub huwa kollu dovut.

Il-konvenuti jaccettaw li mid-depozitu ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) l-attur kellu jaqta' mija w erbatax-il lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm114.64c) ghad-dawl u l-ilma u kellu jnaqqas tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm42.71c) ghat-telefon.

Illi huwa stabbilit li jekk m'hemm ebda kumment dwar oggetti bil-hsara fil-bidu tal-lokazzjoni huwa prezunt li l-fond inkera fi stat tajjeb u li l-konvenuti kellhom id-dover li jirritornaw il-fond fl-istess stat tajjeb.

Illi l-attur naqas pero' meta ma gabx provi konvincenti dwar id-danni li sab.  M'esebixxa ebda rapport indipendenti u m'esebixxa ebda ritratti ta' l-affarijiet miksurin u/jew iddanniggjati.  Naqas li jesebixxi prospett tad-danni u ghalkemm esebixxa l-ircevuti mhux car ezattament ghal liema oggetti jirreferu l-ircevuti kollha.
Mill-evidenza, t-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuti hallew xi danni u ghalhekk m'hemmx lok li jiehdu xi haga lura mid-depozitu originali.

Illi fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jikkonkludi li l-attur ghandu d-dritt li jzomm id-depozitu originali ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) bhala kumpens ghall-kontijiet tad-dawl, l-ilma u tat-telefon kif ukoll tal-*cleaning costs* u kwalunkwe hsara li sofra u l-Kontro-Talba ghandha tigi michuda.

Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------